**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 5 TA' JANNAR 2022**

**Rikors Revoka 708/2021**

**Fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Numru 425/21 RGM wara l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 656/2021 fl-ismijiet:**

**Silvio (Saviour) Pace u martu Liza Pace flimkien ma' uliedhom Daryl Mark Pace, Dylan Pace, Kyle Pace, Donna Pace, Naomi Pace u Shania Pace**

**vs**

**Joseph Grech u Kurt Grech**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu digriet finali dwar rikors intavolat mis-sekwestrati Joseph Grech u Kurt Grech li permezz tiegħu qed jitolbu (1) it-tħassir tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 656/2021 fuq imsemmi ai termini tal-artikolu 846 (1) (c), (d), (e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (2) l-awtorizzazzjoni sabiex jiżbankaw mir-reġistru tal-Qorti il-flejjes kollha depożitati mill-banek bis-saħħa tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju imsemmi.

**Introduzzjoni.**

2. B'rikors ippreżentat fl-20 ta' Lulju 2021 is-sekwestrati Joseph Grech et. spjegaw illi fit-3 ta' Mejju 2021 is-sekwestranti Silvio Pace et. talbu u ottjenew il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra tagħhom għas-somma ta' ħames mitt elf ewro (€500,000) filwaqt li kontestwalment intavolaw kontra tagħhom kawża li permezz tagħhha qed jitolbu li s-sekwestrati jiġu dikjarati responsabbli għall-mewt ta' Brandon Pace li allegatament ġie maqtul fit-2 ta' April 2017 fl-eta' ta' 20 sena u konsegwentement jiġu kkundannti jħallsu d-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi;

3. B'risposta ppreżentata fid-29 ta' Novembru 2021 is-sekwestranti Silvio Pace et., għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jopponu għar-rikors mertu ta' dan id-digriet finali;

**Konsiderazzjonijiet**.

**Artikolu 836 (1) (f) Kap. 12.**

4. L-ewwel raġuni mressqa mir-rikorrenti sekwestrati għat-tħassir tas-sekwestru kawtelatorju huwa fis-sens illi s-sekwestranti "ma għandhomx leġittimazzjoni attiva biex jipproċedu bit-talbiet tagħhom fil-kawża". Jispjegaw ir-rikorrenti Grech illi skond xhieda mogħtija minn waħda mis-sekwestranti stess matul l-inkjesta Maġisterjali, il-mejjet Brandon Pace, iben u ħu s-sekwestranti, għandu l-ulied. Għaldaqstant is-sekwestrati jissottomettu illi fid-dawl tal-artikolu 809[1] tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, id-dritt għall-azzjoni għad-danni konsegwenzjali l-mewt ta' Brandon Pace ma hux tal-ġenituri jew ta' ħutu iżda ta' uliedu.
5. Min-naħa tagħhom is-sekwestranti jirritjenu illi Brandon Pace miet intestat u ma jidher fuq l-ebda ċertifikat tat-twelid bħala il-missier. Konsegwentement isostnu illi huma qua ġenituri u ħut il-mejjet għandhom *prima facie* dritt għar-riżarċiment tad-danni.

---

[1] Artikolu 809 Kap.16: "Meta l-mejjet iħalli warajh tfal jew dixxendenti oħra iżda mhux lil martu jew żewġha, il-wirt jgħaddi għat-tfal u dixxendenti oħra."

6. Il-Qorti tqis illi is-sottomissjoni tas-sewestranti fir-rigward hija fondata. Fuq il-massima legali illi "onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat", sabiex it-talba tas-sekwestrati msejsa fuq l-artikolu 836 (1) (f) seta' jkollha eżitu favorevoli kien jeħtieġ ta' lanqas illi titressaq il-prova, permezz ta' ċertifikat tat-twelid, illi d-decujus kellu l-ulied. In mankanza ta' tali prova, illi jekk teżisti kienet prova faċilment disponibbli u produċibbli, l-Qorti tqis it-talba msejsa fuq l-artikolu 836 (1) (f) bħala infondata u għalhekk qed tiġi respinta. Dan qed jingħad naturalment fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali f'dan l-istadju u għalhekk bla preġudizzju għad-drittijiet tal-partijiet jekk fil-kors tas-smiegħ tal-kawża fil-mertu jirriżulta mod ieħor.

**Artikolu 836 (1) (d)**

7. Is-sekwestrati jikkontendu wkoll illi l-ammont kawtelat, €500,000, ma hux *prima facie* ġustifikat għaliex ma tresqet mis-sekwestranti l-ebda spjegazzjoni ta' kif waslu għal tali ċifra u għalhekk qed jitolbu r-revoka tal-mandat ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) għaliex isostnu illi in mankanza tal-prova dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji lill-Kummissarju tat-Taxxi dwar id-dħul li kellu d-decujus matul ħajtu, l-ammont mitlub ma hux *prima faċie* ġustifikat fit-termini tas-sub inċiż involat (1) (d) tal-artikolu 836. Jissottomettu wkoll is-sekwestrati illi s-sekwestranti hawn intimati naqsu milli jorbtu l-kawżali tal-mandat mal-ammont tal-kreditu minnhom mitlub. Taħt din il-kappa r-rikorrenti sekwestrati jikkontendu

illi fi kwalunkwe każ hemm difett fl-integrita' tal-ġudizzju in kwantu jallegaw illi id-decujus kellu aħwa oħrajn li ma humiex parti f'dawn il-proċeduri u konsegwentement u fi kwalunkwe każ għandu jsegwi illi l-ammont ta' danni talvolta kaġunati ma jappartjenux kollha lis-sekwestranti.

8. Min-naħa tagħhom is-sekwetranti jilqgħu billi jissottomettu illi l-ammont ta' €500,000 huwa ammont realistiku ferm meta tqis l-eta relattivament zgħira ta' 20 sena tad-decujus. Jispjegaw illi huma kkalkolaw il-ħajja lavorativa tad-decujus għall-finijiet ta' kalkolazzjoni ta' danni bħala 44 sena, u ċioe' sakemm kien jagħlaq 65 sena. Iċċitaw in sosten tas-sottomissjoni tagħhom is-sentenza "***Anthony u Mary Anne konjuġi Psaila u binhom Joseph Psaila vs Kap Kmandant"*** deċiża fit-22 ta' April 2021 minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn id-deċujus ukoll kellu 20 sena u l-Qorti kkonsidrat il-ħajja lavorativa tad-decujus sal-eta' ta' 65 sena. Jispjegaw is-sekwestranti illi kieku ħadmu l-kalkolazzjoni tagħhom fuq 44 sena bi €17,000 fis-sena l-ammont kien jitla' għal €748,000 u kien għalhekk li l-ammont li talbu li jiġi kawtelat irriduċewħ għal €500,000.

9. Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tar-rikorrenti illi s-sekwestranti ma kellhomx dritt jintavolaw ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kemm-il darba ma jresqux ukoll il-prova f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri tad-dikjarazzjonijiet tad-dħul tad-decujus mal-Kummissarju tat-Taxxi. Mingħajr preġudizzju għall-pretensjonijet reċiproċi tal-partijiet

li ser jiġu trattati u deċiżi fil-kawża fil-mertu; ma hiex fondata s-sottomissjoni tas-sekwestrati illi l-pretensjoni tas-sekwestranti ma hiex *prima facie* ġustifikata għaliex sa issa ma tressqet l-ebda prova dwar id-dħul tad-decujus. Meta l-artikolu 836 (1) (d) jipprovdi dwar "ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat" ma hux qed jesiġi illi t-talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju tirrikjedi evidenza tanġibbli. Huwa biżżejjed għall-finijiet ta' mandat kawtelatorju li jintwera illi min jippromwovi l-azzjoni għandu dritt ta' azzjoni li jimmerita l-kawtela kontemplata fil-liġi. F'dan is-sens għandu jinftiehem is-sub inċiż (1) (d) tal-Artikolu 836. Il-ħtieġa tal-prova konkreta f'dan l-istadju kif qed isostnu r-rikorrenti sekwestrati ma tirriżultax li hi legalment fondata. Għalhekk it-talba msejsa fuq l-Artikolu 836 (1) (d) qed tiġi respinta.

**Artikolu 836 (1) (c) u (e)**

10. Ir-rikorrenti sekwestrati qed jitolbu r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo għaliex jikkontendu illi hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni tas-sekwestranti. Tali talba saret fiż-żmien meta din il-Qorti diversament presjeduta kienet laqgħet provviżorjament il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fl-istess ismijiet. Jirriżulta pero' illi it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kienet finalment ġiet miċħuda b'digriet tal-20 ta' Lulju 2021 u d-digriet provviżorju revokat.

11. Għalhekk huwa evidenti illi ma hemm l-ebda garanzija xierqa' oħra ai termini tal-Artikolu 836 (1) (c) u (e) u konsegwentement anke t-talba msejsa fuq dawn is-sub inċiżi qed tiġi respinta.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiċħad it-talbiet kollha mressqa fir-rikors tal-20 ta' Lulju 2021.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti Joseph Grech u Kurt Grech.

Mogħti kameralment illum 5 ta' Jannar 2022.

**Robert G. Mangion**

**Imħallef**

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**